**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Micallef-Grimaud)**
**(Spettur Darryl Borg)**

**Vs**

**Roderick Vella**

Kump Nru: 836/2011

Illum 27 ta' Novembru 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Roderick Vella iben Carmelo u Anna nee Agius, imwieled Pieta' fit-18 ta' Awwissu 1985, u joqghod 158, Casa Vella, Triq id-Dawr. Mosta, detentur tal-karta tal-Identita' Nru 0420585M

Talli fit-18 ta' Lulju 2011, f'dawn il-Gzejjer f'diversi hinijiet:

1. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika (telefown), hedded diversi drabi lill-hajja ta' Michelle Mizzi w li jaghmel xi reati ohrajn;

Akkuzat ukoll talli fid-19 ta' Lulju 2011, ghall-habta tal-10.00pm, fi Triq San Publiju, Floriana:

2. Bi kliem, hedded lil Gordon Schembri u lil Michelle Mizzi, l-ex gharusa tieghu, li kien sejjer joqtolhom u li kien sejjer jahraq id-dar u l-bieb tal-garage tal-proprjeta' tal-istess Michelle Mizzi, liema theddid sar fil-waqt li kellu f'idu, arma irregolari, u cioe', imqass, minghajr permess mill-Kummissarju;

3. Bl-imgieba tieghu, ikkaguna biza' li se tintuza' vjolenza kontra Michelle Mizzi;

4. bl-imgieba tieghu ikkaguna lill-istess Michelle Mizzi biza' li se tintuza' vjolenza kontriha meta kien jaf jew missu kien jaf li l-imgieba tieghu se tikkaguna lil Michelle Mizzi hekk tibza' kull darba minn dawk l-okkazzjonijiet;

5. gab ruhu b'mod li ta fastidju lill-imsemmija Michelle Mizzi u/jew b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan kien ta fastidju ghal Michelle Mizzi;

6. ghamel lil haddiehor ingurji jew theddid, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg mil-limiti tal-provokazzjoni;

7. volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara fuq il-bieb ta' barra tal-proprjeta' ta' Gordon Schembri;

8. ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

9. dagha fil-pubbliku;

10. qal kliem fil-pubbliku xi kliem oxen jew indecenti, jew aghmel atti jew gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor li mhux provdut fil-Kodici Kriminali, offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika;

11. ma obdix l-ordnijiet legitimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma jhallix jew ifixkel waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu jew b'xi mod iehor bla jedd jindahal fi dmiru billi ma jhallix lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi ikun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi igib fix-xejn jew ihassar dak li haddiehor ikun ghamel skont il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun kemm-il darba din id-dizubbidjenza jew dak l-indhil ma

jkunx jaqa' taht disposizzjonijiet ohra ta' dan il-Kodici jew ta' ligi ohra;

12. minghajr ma dorob jew sawwat, hedded jew jaqbad arma irregolari (imqass) kontra l-imsemmija Michelle Mizzi u Gordon Schembri;

13. volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied.

Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Michelle Mizzi kif ukoll lil Gordon Schembri u r-residenzi taghhom kif ukoll il-postijiet li tali persuni jiffrekwentaw.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

**Ikkunsidrat**

Mill-provi rrizulta li l-imputat u Michelle Mizzi kienu f'relazzjoni ghal madwar seba' snin, liema relazzjoni ntemmet.

**Gordon Schembri** xehed[1] li huwa kien rieqed f'daru u fl-istess residenza kien hemm Michelle Mizzi (l-eks siehba tal-imputat). L-imputat cempillu u qallu hafna kliem oxxen u imbaghad mar quddiem id-dar, ghamillu hsara fuq il-bieb tad-dar u kissirlu l-bieba tal-karozza u l-windscreen. Huwa ra lill-imputat mill-camera u ghadda l-footage lill-pulizija. Huwa hareg minn gol-gallarija u ra li l-imputat kellu xi haga f'idu u beda jaghti mal-bieb ta' barra. Fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2013, dan ix-xhud ipprezenta stima[2] li hija datata 8 ta' Settembru 2012.

[1] Seduta tas-16 ta' Lulju 2012
[2] Dok GS 11 a fol 55 tal-process

**Michelle Mizzi** xehdet[3] li f'Lulju ta' sena qabel kienet ghand Gordon Schembru u f'nofs ta' lejl mar l-imputat jhabbat bil-ponn u jaghti bis-sieq, ixxutjalu l-bieba tal-karozza u kissirlu l-windscreen. Huma ma fethulux u cemplu lill-pulizija li marru fuq il-post u hadu wkoll il-footage. Hija ttwalet mit-tieqa tal-gallarija u ratu jaghmel l-affarijiet li xehdet dwarhom. Tghid li xi erbat ijiem jew gimgha qabel l-imputat kien heddidha b'imqass m'ghonqha u heddidha u bdew jiggieldu u meta qalet lill-Ispettur x'gara meta fittixlu fil-karozza ma sabux l-imqass. In kontro-ezami, ix-xhud giet mistoqsija dwar jekk il-bieb kienx diga' bid-daqqiet wiegbet li hija qatt ma rathom. Taf li meta l-meta l-imputat mar ihabbat mar bil-ponn u taf li kellu xi haga bil-ponta f'idu ghax deher fil-vidjow u beda jaghti bis-sieq fuq il-bieb. Il-bieb kien bil-grif u ma setax jaghlaq sew.

F'dawn il-proceduri gie nominat Dr Steven Farrugia Saccio li rrelata dwar il-kontenut tal-footage ezebit[4].

L-imputat irrilaxxja stqarrija fl-20 ta' Lulju 2011. Huwa xehed ukoll fit-18 ta' Lulju 2018 fejn ikkonferma li kien f'relazzjoni ma' Michelle Mizzi ghal tul ta' snin u f'temp ta' xahrejn spiccaw. Ma xehedx wisq fuq l-episodju li ta lok ghall-imputazzjonijiet odjerni.

L-Ewwel Imputazzjoni

Ma ngabet l-ebda prova dwar l-istess. Infatti meta ddeponiet Michelle Mizzi ma semmiet xejn dwar xi telefonata fuq mowbajl mill-imputat fit-18 ta' Lulju 2011.

It-Tieni Imputazzjoni

Gordon Schembri u Michelle Mizzi xehdu u anki rrizulta mill-footage li l-imputat mar u beda jhabbat fuq il-bieb b'aggressivita' biss pero' ma rrizultax xi ntqal u lanqas qalu li gew mhedda meta xehdu.

It-Tielet, Ir-raba' u l-Hames Imputazzjonijiet

Illi t-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma dawk dwar biza' ta' uzu ta' vjolenza u fastidju fil-

[3] Seduta tas-16 ta' Lulju 2012
[4] Dok SFS a fol 91 ezebit fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2016

konfront ta' Michelle Mizzi cioe r-reati prospettati f'l-artikoli 251B u 251A rispettivament tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fis-sentenza moghtija fil-kawza **Il-Pulizija vs Raymond Parnis**[5] il-Qorti ta' l- Appell Kriminali ghamlet analizi approfondita tar-reati in ezami. Dik il-Qorti qalet hekk:

*"Illi r-reat tal-"fastidju" (fit-test Ingliz "harassment") gie introdott ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005 u inkorporat fl-artikoli 251A, 251B, 215C u 215D tal-Kodici Kriminali. L-artikolu 215A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b' mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. .... Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b' reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251 C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata': "alarming" jew idejjaq: "causing distress" lill-persuna.*
*.....*

*U mbaghad l-artikolu 251B johloq ir-reat ta' min bl-imgieba tieghu jikkaguna li haddiehor jibza' li ser tintuza vjolenza kontrieh jew kontra l-proprjeta' tieghu meta jkun jaf jew imissu jkun jaf li l-imgieba tieghu ser tikkaguna lil xi hadd iehor hekk jibza' kull darba minn dawn l-okkazzjonijiet.*

*..... Hawnhekk jidhol l-istess kriterju enuncjat fl-art. 251A u cioe' li persuna li l-imgieba taghha tkun dubjuza ("whose course of conduct is in question"), jmissha tkun taf li ser tikkaguna biza' f'haddiehor li ser tintuza vjolenza kontrieh f' xi okkazzjoni jekk persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku tahseb li dik l-imgieba tkun ser tikkaguna biza' fil-persuna l-ohra f' dik l-okkazzjoni. Igifieri hawn it-test hu wiehed oggettiv tar-reasonable man. Hemm ukoll f' dan l-artikolu l-iskuzanti kontemplati fl-artikolu 251(3)(a) u (b) u dik li l-imgieba addottata mill-persuna akkuzata kienet wahda ragjonevoli ghal-harsien taghha jew ta' haddiehor jew ghall-harsien tal-proprjeta' taghha jew ta' haddiehor.*

[5] Deciza fit-18 ta' Gunju 2009

*Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna, ("alarming the person or causing the person distress" fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew "harassment". Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati. F'sistemi legali barranin gie stabilit li wahda mill-forom li jista' jiehu l-fastidju jew harassment hu dak tal-ippedinar, insegwiment jew bl-Ingliz "stalking". Dan l-agir jista' jkun provokat minn diversi ragunijiet jew "patterns of behaviour". Jezistu per ezempju kazijiet ta' "rejected stalkers" fejn il-persuni koncernati jsegwu l-vittma bil-ghan li jregghu lura, jikkoregu jew jivvendikaw ruhom ghall-"rejection" mill-vittma taghhom. Hemm kazjiet ta' "resentful stalkers" li jkunu qed jippruvaw jaghmlu vendetta ghax ikollhom xi lanjanza kontra l-vittma, bil-ghan li jbezzghu jew jinkwetaw u jdejjqu l-vittma. ......... Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f' dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi. (ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. A. Caruana Carabez" [21.6.2007]; "Il-Pulizija vs. Fabio Psaila" [12.2.2009] u ohrajn)*

*Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: 'Il-Pulizija vs. Massimo Tivisini" [26.22009], it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "Harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :- "Words, conduct or action (usu. repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose". Dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena w tal-agir precedenti*
*tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez" [21.6.07] :- ".... f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jeffrey Scicluna**[6] gie ritenut hekk:

---
[6] Appell Kriminali deciz fil-21 ta' Frar, 2012

"Dwar it-tieni imputrazzjoni, li tirreferi ghall-artikolu 251B tal-Kap 9, l-imputazzjoni hija miktuba b'mod li tirreferi ghal dak li gara f'jum partikolari biss – il-25 t'Awwissu 2010. Biex ikun hemm htija taht l-artikolu 251B irid jirrizulta li jkun hemm a course of conduct kif juri l-kliem: 'lil xi hadd iehor hekk jibza' kull darba **minn dawk l-okkazjonijiet'**.

Jista' jkun hemm **aktar minn okkazjoni wahda fl-istess jum** u ghalhekk ikun applikabbli l-artikolu 251B xorta wahda. Izda kemm mill-imputazzjoni kif migjuba kif ukoll mill-provi ma jirrizultax li kien hemm din a course of conduct fl-istess jum."

Minn tali taghlim jirrizulta li dawn l-imputazzjonijiet jirrikjedu *a course of conduct.* Michelle Mizzi xehdet li l-imputat kien heddidha xi jiem qabel id-19 ta' Lulju 2011 izda l-imputazzjoni kif impostata tirreferi biss ghal data u hin specifiku u ghaldaqstant l-istess imputazzjonijiet ma jistghux jirrizultaw.

Is-Sitt Imputazzjoni

Illi tali imputazzjoni ma tirrizultax li giet ippruvata mill-provi prodotti billi Schembri xehed biss li l-imputat qallu kliem oxen.

Is-Seba' Imputazzjoni

Wara li l-Qorti kellha l-opportunita' tara il-footage mic-CCTV u semghet ix-xhieda ta' Gordon Schembri u Michelle Mizzi tqis li tali imputazzjoni giet ippruvata sal-grad rikjest mil-ligi. Billi l-istima prezentata ma gietx ikkonfermata minn min hejjiha, apparti li hija datata oltre sena mill-akkadut se jitqies li l-hsara kienet fil-minimu.

It-Tmien, id-Disa', L-Ghaxar u l-Hdax-il Imputazzjonijiet

Ebda prova ma tressqet dwar dawn l-imputazzjonijiet u ghaldaqstant l-imputat ma jistax jinstab hati taghhom.

It-Tnax-il Imputazzjoni

Illi lanqas din l-imputazzjoni ma giet ippruvata billi fl-ewwel l-imputat qatt ma gie in kuntatt ma' Gordon Schembri u Michelle

Mizzi. Fi kwalunkwe kaz, ghalkemm mill-footage jidher li l-imputat kellu xi haga f'idu biss x'kien ezatt ma jirrizultax.

<u>It-Tlettax-il Imputazzjoni</u>

Tali imputazzjoni giet ampjament ippruvata billi rrizulta li l-imputat kiser il-mistrieh tan-nies u li kkawza lil Gordon Schembri u lil Michelle Mizzi biza' ghall-inkolumita' taghhom.

**Piena**

Inkwantu ghall-piena li ghandha tigi erogata din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-fedina penali tal-imputat.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 325(1)(d) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat hati tas-seba' u t-tlettax-il imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien sena millum. Mill-bqija l-imputat mhux qieghed jinstab hati tal-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfront tieghu u minnhom tilliberah.

Inoltre bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda torbot lil hati b'garanzija personali ghaf-favur ta' Michelle Mizzi u Gordon Schembri taht penali ta' elf euro (€1000) ghal zmien sena.

Bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' tlett mija u tnejn u hamsin Euro u hdax-il centezmu (€352.11) rapprezentanti hlas tal-espert nominat.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu tal-liberta' kundizzjonata.

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**